C/2024/6143

10.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11755 – ENBRIDGE / MPLX / ISQ / DBR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6143)

1. Fit-3 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Enbridge Inc. ("Enbridge", il-Kanada),

— MPLX LP ("MPLX", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Marathon Petroleum Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— I Squared Capital Advisors (l-Istati Uniti tal-Amerka), LLC ("ISQ", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Delaware Basin Residue, LLC ("DBR", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn ISQ.

Enbridge, MPLX u ISQ jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' DBR.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Enbridge hija kumpanija tal-infrastruttura tal-enerġija attiva primarjament fit-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni taż-żejt grezz u tal-gass naturali fl-Amerka ta' Fuq. Enbridge hija attiva wkoll fl-enerġiji rinnovabbli fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa,

— MPLX tippossjedi u topera infrastruttura tal-enerġija midstream u assi loġistiċi u tipprovdi servizzi ta' distribuzzjoni tal-fjuwils,

— ISQ hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq l-enerġija, l-utilitajiet, it-telekomunikazzjoni, il-kura tas-saħħa u t-trasport fl-Amerka ta' Fuq, fl-Ewropa, f'ġeografiji oħra,

— DBR hija s-sid ta' pipelines tal-gass naturali f'Texas u fi New Mexico (l-Istati Uniti tal-Amerka), billi hija attiva fit-trażmissjoni u l-ħażna tal-gass naturali fl-Istati Uniti tal-Amerka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11755 – ENBRIDGE / MPLX / ISQ / DBR

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË